MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 208/2012

Appell Numru: 208/2012

Il-Pulizija

Spettur Victor Aquilina

Vs

Trevor Ciangura

Illum, 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Trevor Ciangura, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 347387M talli:

F'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Settembru 2007 u fix-xahrejn ta' qabel:

a. **forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

b. **kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif

sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. **kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

d. **kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta'l-artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fl-ahharnett talli f'April 2007 u fix-xhur ta' qabel:

e. **Kellu il-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy)** minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avvi Legali 22 tal-1985, kif emendati

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' April, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(a), Taqsima 4 u 6, artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja

101.02, Regolament 3 tal-Avviz Legali 22 tal-1985, artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li illiberat lill-imputat mil-ewwel imputazzjoni, sabithu hati tal-kumplament, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberat lill-imputat bil-kundizjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat matul il-perijodu ta' liberta taht kundizzjoni.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi –

(a) tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat ħati tal-akkużi « b », « ċ », « d », « e » u « f », filwaqt li
(b) tħassarha fil-parti fejn illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni ;
(c) tħassarha wkoll fil-parti fejn erogat il-piena ta' liberazzjoni kondizzjonata li l-imputat ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza ; filwaqt li minflok : -
(d) issibu ħati wkoll tal-ewwel imputazzjoni indikata «a» u
(e) tinfliġġi kontra tiegħu il-piena idoneja u komplessiva skont il-Liġi għar-reati kollha li bihom ġie akkużat.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi fid-19 t'April 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tiegħu kif hawn fuq riferita, inter alia

għamlet enuċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, kif ukoll li għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi, nonche erogat piena imtaffija wisq tenut kont tal-gravita tar-reat kontestat lill-imputat u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**1. L-istqarrija konfessorja tal-imputat appellat u l-valur probatorju tagħha**

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat illi ai termini tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ « Il-Pulizija vs Alvin Privitera » u ddeċidiet li in bażi għal konklużjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali f'dawn il-każijiet, għalkemm żammet l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat appellat fil-proċess, skartata bħala prova u ddeċidiet il-każ mingħajr ma għamlet analiżi tal-istess stqarrija u l-kontenut tagħha – u dan minkejja l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fejn jisqarr il-kommissjoni tar-reati kollha imputati lilu. Bid-dovut rispett, konxju tas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Qrati Maltin dwar din il-materja, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ. Ir-raġunijiet għal tali dissens huma s-segwenti :

Kif intqal hawn fuq, il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ hija bażata fuq is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hawn fuq imsemmija u oħrajn li segwew. Minn naħa tagħhom, dawn is-sentenzi jidher li ġew ukoll ispirati fid-deċiżjoni tagħhom minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fost l-oħrajn saret ukoll riferenza ampja għall-każijiet « *Salduz v Turkey* »[1] u « *Panovits v Cyprus* »[2] fost l-oħrajn.

Bid-dovut rispett, l-esponent jemmen illi dawn id-deċiżjonijiet ġew segwiti mill-Qrati Maltin b'mod li l-prinċipji stabbiliti fihom ġew applikati b'mod li ma tawx biżżejjed piż għad-

[1] App no 36391/02 (27 ta' Novembru 2008)
[2] App no 4268/04 (11 ta' Diċembru 2008)

dettalji u ċ-ċirkostanzi partikolarissimi li dawn is-sentenzi ingħataw fihom[3] u ma ddistingwewx suffiċjentement dawn il-fatti minn dak li irriżulta fil-każijiet Maltin.

Fil-każ preżenti l-imputat appellat kellu għoxrin sena meta irrilaxxja l-istqarrija (ara ċ-ċertifikat tat-twelid a fol 5). Kien persuna li kellu l-vizzju tad-droga u kien ukoll misjub ħati minn dawn il-Qrati (ara fedina penali a fol 6 u s-sentenza a fol 13). Żgur għalhekk li meta seħħ dan l-interrogatorju, ma kienx l-ewwel darba li l-imputat appellat ġiet wiċċ imb' wiċċ m'uffiċjali tal-Pulizija u l-anqas kien l-ewwel interrogatorju tiegħu. Dan juri li huwa ma kienx xi novizz f'dan il-qasam. Dan qed jingħad minn qari tal-atti proċesswali u mhux minn dak mistqarr mill-imputat appellat fl-istqarrija tiegħu.

Mill-atti proċesswali bl-ebda mod ma jirriżulta li l-imputat appellat ġie imċaħħad mid-dritt li jkun jista jikkonsulta ma' avukat. Fil-fatt dak iż-żmien verament li l-Liġi Maltija ma kienx tipprovdi dritt ta' konsulenza legali qabel u/jew waqt interrogatorju b'mod espliċitu, fis-sens li l-Liġi li kien tawtorizza tali konsulenza qabel l-interrogatorju kien għadha mhix fis-seħħ. Dan ma kienx il-każ kemm f'Salduz, kif ukoll fil-każ Panovits.

Mill-banda l-oħra, huwa fl-ebda mument ma talab li jingħata possibilita li jikkonsulta ma' tali avukat. U b'hekk ġiet maħluqa sitwazzjoni fejn il-Pulizija m'offrewlux li jkun jista jikkonsulta m'avukat qabel l-interrogatorju, u mill-banda l-oħra huwa l-anqas ma talabhom li jikkonsulta avukat. B'hekk ma jistax jingħad li f'xi mument ġie mċaħħad xi talba għal assistenza legali – għax tali talba qatt ma saret. Fl-aħħar mill-aħħar kulħadd għandu dritt ġenerali t'assistenza legali. Fil-każijiet Salduz u Panovits il-Liġi fil-pajjiżi rispettivi kienet

---

[3] Kwantu għat-test sħiħ tal-każ ara : *Salduz v Turkey* : - http://cmiskp.echr.coe.int/tkp197/view.asp?item=3&portal=hbkm&action=html&highlight=turkey&sessionid=85568271&skin=hudoc-en.
*Panovits v Cyprus* : - http://cmiskp.echr.coe.int/tkp197/view.asp?item=1&portal=hbkm&action=html&highlight=cyprus&sessionid=85718834&skin=hudoc-en

tipprovdi għal assistenza legali jew konsulta legali u din ma ġietx offruta lilhom fil-mument opportun. [4]

Apparti minn hekk minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod l-imputat appellat ġie imċaħħad minn xi aċċess għal dokumenti rigwardanti l-arrest tiegħu. Kontra dak li seħħ fil-każ Salduz, ir-reati li kienu ipotizzati fil-konfront tiegħu ma kienux xi reati ta' natura politika jew li kienu jikkonċernaw sitwazzjoni partikolari ta' allegazzjonijiet ta' parteċipazzjoni f'organizzazzjoni ritenuta terroristika mill-Gvern tal-pajjiż – u allura suġġetta għal liġijiet u proċeduri drakonjani bħal dawk applikabbli f'każijiet relatati ma terroriżmu fi stati fejn dan il-fenomenu huwa preżenti b'mod qawwi bħal dak li kien fil-każ tat-Turkija. Il-każijiet tal-

---

[4] Fil-każ Salduz, il-Liġi viġenti kien is-segwenti (meħuda mill-full text judgment): -

*The legislation in force at the time of the application*

27. The relevant provisions of the former Code of Criminal Procedure (no. 1412), namely Articles 135, 136 and 138, provided that anyone suspected or accused of a criminal offence had a right of access to a lawyer from the moment they were taken into police custody. Article 138 clearly stipulated that for juveniles legal assistance was obligatory.

28. According to section 31 of Law no. 3842 of 18 November 1992, which amended the legislation on criminal procedure, the above-mentioned provisions were not applicable to persons accused of offences falling within the jurisdiction of the state security courts.

Fil-każ Panovits, il-Liġi viġenti kien is-segwenti (meħuda mill-full text judgment): -

1. *Domestic law*

42. Section 8 of the Criminal Procedure Law, Cap. 155 provides as follows:

"Without prejudice to the generality of section 3 of this Law and without prejudice to the operation of section 5 of this Law the rules for the time being approved by Her Majesty's Judges of the Queen's Bench Division in England relating to the taking of statements by police officers (known as 'The Judges' Rules') shall apply to the taking of statements in the Colony as they apply to the taking of statements in England".

43. Section 13 of the Criminal Procedure Law, Cap. 155 provides, in so far as relevant, as follows:

"...Any [arrested] person while in custody shall be given reasonable facilities for obtaining legal advice, for taking steps to obtain bail and otherwise for making arrangements for his defence or release."

44. Rule II of the Judges' Rules provides as follows:

"As soon as a police officer has evidence which would afford reasonable grounds for suspecting that a person has committed an offence, he shall caution that person or cause him to be cautioned before putting to him any questions, or further questions, relating to that offence.

The caution shall be in the following terms:

'You are not obliged to say anything unless you wish to do so but what you say may be put into writing and given in evidence.' "

Qorti Ewropeja li jagħmlu riferenza għalihom diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija kienu ferm differenti mill-każ odjern. In fatti fil-każ Salduz kien minorenni fiż-żmien tal-każ u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament ħażin tiegħu waqt l-interrogazzjoni kif ukoll illi l-istqarrija ingħatat meta allegatament kien imġiegħel u f'kuntest ta' reati li huma ta' natura politika b'konnessjoni terroristika. L-anqas kien hemm lok fil-każ preżenti t'intervent tal-Kumitat kontra t-Tortura (CPT) fit-Turkija bħal ma kien hemm fil-każ ta' Salduz.

Minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod l-imputat ġie trattat ħażin, mhedded, imsawwat jew li vjolenza ġiet użata kontra tiegħu. M'hemmx provi li l-imputat appellat ipprotesta f'xi punt li din l-istqarrija ġiet meħuda minnu permezz ta' vjolenza, pressjoni jew maniġġi ossija « duress ». Apparti minn hekk ma jirriżultax li l-Pulizija b'xi mod intimidaw lill-imputat jew ġiegħlu lill-imputat li jirrilaxxja stqarrija. Anzi kif ingħad aktar il-fuq l-imputat ma kienx xi novizz għal din l-esperjenza.

Bid-dovut rispett, anke fiċ-ċirkostanzi partikolarissimi ta' Salduz u Panovits, il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem ma kienx kategorika dwar l-applikabbilita ta' dan id-«dritt» *tout court*. Kif ser jiġi muri, id-dritt t'assistenza legali qabel u/jew waqt interrogatorju mhux dritt assolut u apparti minn hekk il-Qorti trid tieħu kont taċ-**<u>ċirkostanzi kollha tal-każ</u>**, kif ukoll tal-proċeduri penali kollha – **<u>inkluż</u>** il-mod ta' kif ikun sar interrogatorju – inkluż il-mod ta' kif persuna tagħmel konfessjoni - għaliex anke dan huwa parti mill-proċess penali u dan id-dritt irid jiġi tenut in konsiderazzjoni fl-isfond <u>tat-totalita tal-proċeduri u mhux bażat biss fuq partijiet partikolari tal-proċeduri penali</u> b'mod skonness minn mal-assjem tal-proċeduri penali kollha. Għalkemm l-istadju tal-interrogatorju huwa importanti, kif mistqarr f'Salduz, dan mhux l-uniku stadju fejn persuna tkun qed tipparteċipa fil-proċedura penali.

Il-kwistjoni għalhekk f'dan il-każ hija li l-Qorti skartat kompletament l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat appellat, magħmula quddiem il-pulizija, in kwantu skondha

kien vjolattiva tad-drittijiet tal-bniedem u dan fuq l-iskorta ta' każijiet imsemmija aktar il-fuq. Bil-fatt li ma sfilzathiex, iżda xorta waħda għażlet li tiskartaha, fl-umli fehma tal-esponent irrendietha xiehda inammissibbli ; mingħajr ma qieset il-mod ta' kif tali konfessjoni saret, il-proċeduri segwiti, u aktar importanti jekk tali konfessjoni kienx magħmula skond il-Liġi ordinarja tal-pajjiż, kienetx magħmula volontarjament mill-imputat u jekk l-imputat riedx liberament li jagħmilha dik il-konfessjoni – minkejja li qabel għamilha kien debitament imwissi dwar il-konsegwenzi li jitnisslu jekk huwa jagħżel li jitkellem fil-kuntest t'interrogatorju polizjesk.

Jibqa l-fatt li l-imputat appellat għamel konfessjoni inkondizzjonata. Din il-konfessjoni kienet magħmula minnu liberament. Tant huwa minnu dan li jidher biċ-ċar mill-kliem użat mill-Uffuċjal Prosekutur li l-imputat appellat kien ikkopera mal-Pulizija. Kien ben konsapevoli minn dak li kien qed tagħmel u ma kienx tifel żgħir, vulnerabbli u bla difiża. Ifisser bifors li allura din il-konfessjoni -

(a) kien magħmula kontra l-Liġi ?

(b) kien tmur kontra d-drittijiet ta' smiegħ xieraq ?

(c) kien għalhekk inammissibbli jew skartabbli bħala prova ?

Il-Liġi Maltija, fil-Kodiċi Kriminali, tipprovdi regola sempliċi u sagrosanta li tgħid–

**658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.**

Bid-dovut rigward, sa fejn jaf l-esponenti, dan l-artikolu għadu jinsab fil-Kodiċi Kriminali Malti u s'issa ma ġiex dikjarat inkostituzzjonali. Dan l-artikolu ma jagħmilx distinzjoni fir-rigward tal-**kuntest** fejn tali konfessjoni tiġi magħmula u minn min tiġi magħmula. Ma jagħmilx distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn konfessjoni tkun magħmula min persuna lill-Pulizija fi stadju t'investigazzjoni jew jekk tkun magħmula ma terzi persuni f'kuntest mhux investigattiv.

L-enfażi ta' din il-Liġi sempliċi u ordinarja hija li konfessjoni, magħmula ma min u fejn magħmula, dment li hija magħmula b'mod ħieles, u dment li tkun magħmula skond dan l-artikolu, għandu jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha. Dment li din il-konfessjoni ossija stqarrija tkun magħmula mill-persuna li tirrilaxxjaha volontarjament u ma tkunx ġiet imġegħla jew meħuda b'theddid jew b'biza jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi tista tinġieb bi prova. Il-Liġi ma tridx li persuna tkun **imġiegħla** li tagħmel konfessjoni – ċioe' biex tkun valida trid tkun konfessjoni **magħmula** **bir-rieda ħielsa u konsapevoli** tiegħu – irrispettivament fejn, ma min u meta tkun saret din il-konfessjoni.

Għalhekk għaliex konfessjoni magħmula minn persuna quddiem uffiċjal tal-pulizija, meta din il-konfessjoni tkun magħmula b'mod volontarju, ħieles, mingħajr pressjoni, theddid, biża, wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi saret illum, kważi *per definizione*, *per se e in se* kontra l-Liġi u vjolattiva tad-drittijiet tal-bniedem?

Jekk persuna ma tkunx ikkonsultat ma avukat qabel ma tkun għamlet konfessjoni, dan il-fatt *per se e in se*, kemm jista jwassal biex tali konfessjoni tkun ritenuta li tkun ingħatat **kontra** l-Liġi u kontra r-rieda ta' dak li jkun?

U jekk persuna tkun għamlet tali konfessjoni lill-Pulizija, **wara** li l-persuna li tkun għamlet din il-konfessjoni tkun:

(a) ġiet **minn qabel ma fetħet ħalqha u għamlet il-konfessjoni, imwissija direttament, personalment u verbalment mill-uffiċjal investigattiv li għandha d-dritt li ma tgħid xejn** – ergo imwissija verbalment u bi kliem li jinftiehem minn min ikun ser jinterrogaha bid-dritt tiegħu tas-silenzju assolut; fil-fatt fl-istqarrija hemm imniżżel li *"M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista jingieb bi prova"* ;

(b) ġiet imwissija wkoll li fil-każ li tagħżel li titkellem, dak li tgħid ikun jista jinġieb bi prova;

(c) l-istess persuna tistqarr li « *Din l-istqarrija ghamiltha volontarjament, minghajr theddid, weghdi jew promessi ta' vantaggi. Hija l-verita u wara li giet moqrija lili, nistqarr li ma rrid inzid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u naghzel li niffirma » ;*

(d) l-istess persuna fl-ebda mument ma tkun talbet għal assistenza legali jew konsulta legali;

(e) ma ġietx mićħuda mill-Pulizija ebda dritt t'assistenza legali, kemm għaliex ma talbitx għal tali assistenza, kif ukoll għaliex il-Liġi viġenti dak iż-żmien ma kienx tobbliga lill-Pulizija li **jinfurmaw** ukoll lill-persuna indagata b'dan id-dritt;

(f) ma tkunx ikkontestat l-istess stqarrija minħabba li kien meħuda kontra jew bi vjolazzjoni tal-artikoli tal-Liġi ordinarja;

(g) anzi meta tiġi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-ewwel seduta kif jidher a fol 7, l-istess imputat jiddikjara li eżenta lil Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda ta' identita u **volontarjeta** tal-istqarrija!

ifisser neċessarjament u bilfors li din il-konfessjoni hekk magħmula f'kuntest investigattiv hija vjolattiva tad-dritt ta' smiegħ xieraq u li bħala konsegwenza t'hekk hija inammissibbli bi prova fil-kumplament tal-proċeduri legali a karigu ta' dik il-persuna?

U jekk persuna indagata, **wara** li tkun debitament **imwissija direttament, personalment u verbalment** mill-uffiċjal investigattiv li għandha d-dritt li ma tgħid xejn **u** li jekk titkellem dak li tgħid ikun jista jinġieb bi prova, **u qabel** ma tibda titkellem u jew twieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-Pulizija, **u li minkejja din it-twissija espliċita u qabel tibda titkellem mal-Pulizija**, xorta waħda **tagħżel liberament** li titkellem u tistqarr ħtijietha, il-fatt li ma tkunx tkelmet jew ottjeniet parir legali qabel jew waqt l-interrogatorju, ifisser li ***per necessita*** **dak li tkun stqarret liberament wara d-debita twissija** **ikun inammissibbli bħala prova** u dan

anke jekk hija tkun ġiet imwissija fi kliem sempliċi bid-dritt tas-silenzju biex ma tinkriminax lilu nnifisha mill-istess persuna li tkun qed tinvestigaha?

Fil-każ Panovits il-Qorti Ewropeja kellha xenarju simili. Iżda l-problema li dik il-Qorti ravviżat ma kienx daqstant li din it-twissija kien insuffiċjenti, daqskemm il-kuntest li fih ingħatat fil-każ ta minorenni setgħet ma kienx biżżejjed. Il-Qorti Ewropeja qalet hekk : -

> 74. Concerning the applicant's complaint as to his right to remain silent, the Court notes that the Government maintained that the applicant had been cautioned in accordance with domestic law both at the time of his arrest and before his written statement had been taken. The applicant did not dispute this. The Court notes that in accordance with domestic law the applicant was told that he was not obliged to say anything unless he wished to do so and that what he said could be put into writing and given in evidence in subsequent proceedings (see paragraph 44 above). The Court finds, given the circumstances of the present case, in which the applicant had been underage and was taken for questioning without his legal guardian and without being informed of his right to seek and obtain legal representation before he was questioned, that it was unlikely that a mere caution in the words provided for in the domestic law would be enough to enable him to sufficiently comprehend the nature of his rights.

Fl-umli fehma tal-esponent, dan huwa ferm differenti mill-każ preżenti.

Fl-umli fehma tal-esponent, konfessjoni li tkun saret mingħajr ma tkun saret konsulta legali qabel jew waqt tali konfessjoni, ma jfissirx **awtomatikament, għas-sempliċi fatt li l-konfessjoni tkun saret mingħajr ma kien hemm assistenza jew konsulenza legali allura hemm bil-fors, u a priori, il-presunzjoni tal-ksur ta' drittijiet tal-bniedem u l-konsegwenti inammissibbilita tal-konfessjoni magħmula.**

Bir-rispett kollu, hemm differenza bejn il-każ preżenti għal każ ta' Salduz u Panovits u t-trattament li kien allegatament sofrew Salduz u Panovits fil-każ tagħhom. Biss biss, Salduz kien ingħata ittra bid-drittijiet tiegħu u l-kuntatt uman miegħu kien wieħed allegatament imqanqal. Panovits kien f'sitwazzjoni li l-Pulizija allegatament eżerċitaw pressjoni u maniġġi fil-konfront tiegħu biex jinduċuh jammetti. Ma kienx hekk f'dan il-każ preżenti.

Dan qed jingħad għaliex bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali t'assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq meta bniedem ikun akkużat b'reat kriminali. Huma l-proċeduri u l-proċedimenti penali fit-totalita tagħhom li għandhom jiġu mistħarġa biex wieħed jiddetermina jekk persuna tkunx ingħatat dritt ta' smiegħ xieraq effettiv fil-prattika. Kull meta l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq minħabba n-nuqqas t'assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-ġudizzju tiegħu u qalet li jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser jkollha smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali, allura l-persuna għandu dritt ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponenti jissottometti illi ċertament illi mhux il-każ illi din il-Qorti Ewropea qalet li jekk persuna ma kienitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq.

Id-dritt ta' smiegħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proċedura u mhux fir-rigward ta' mumenti partikolari minnha bħal ma sar f'dawn il-proċeduri fejn il-Qorti qed tiffoka biss fuq l-istadju tal-interrogazzjoni meta rrilaxxjat l-istqarrija. L-esponent jissottometti illi d-dritt ta' smiegħ xieraq ma jistax ikun evalwat biss fir-rigward ta' mumenti li sehhew qabel ir-rikorrent effettivament tresqet bħala akkużata. Dan il-prinċipju kien stabbilit fil-każ fl-ismijiet « *Imbroscia vs. Switzerland* ».[5]

[5] App no 13972/88 (24 ta' Novembru 1993) 'The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case'

L-imputat ma kienx xi persuna minorenni vulnerabbli meta għamel din il-konfessjoni. Minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod huwa setgha ħassu intimidat mill-presenza tal-pulizija meta ta l-istqarrija tiegħu. Dan huwa differenti mill-każ mibdi bir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet « *Pulizija vs. Alvin Privitera* ».[6] Ix-xebħ li hemm ma dan il-każ, huwa li f'dan il-każ, il-prova **<u>prinċipali</u>** li hemm kontra tal-imputat appellata hija l-konfessjoni **<u>libera</u>** tiegħu. Iżda x-xebħ ma jmurx ferm oltre minn dan. Apparti minn hekk f'dan il-każ preżenti kien hemm xiehda oħrajn li jikkorroboraw partijiet minn dak mistqarr mill-imputat appellat fl-istqarrija tiegħu.

Sa fejn jaf l-esponenti, id-dritt tal-konsulta legali jew assistenza legali qabel u waqt interrogazzjoni mhux dritt fundamentali li huwa rikonoxxut bħala assolut. Sa fejn jaf l-esponenti ukoll dritt assolut huwa dak naxxenti per eżempju mill-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali[7]. Dan il-prinċipju ma japplikax għad-drittijiet l-oħra, inkluż dawk misjuba fl-artikolu 6 ta' din il-Kovenzjoni Ewropeja – liema artikolu huwa s-sies tal-każwistika riċenti li fuqha jistrieħu gran parti tal-ilmenti kostituzzjonali hawn fuq riferiti.

Apparti minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem « **Salduz vs. Turkey** » ġie stabbilit illi l-Artikolu 6 ma jipprovdix b'mod esplicitu u espress li persuna tkun assistita minn avukat **waqt l-istadju** tal-interrogazzjoni u konsegwentement tali assistenza tista' tkun waħda ristretta u tali restrizzjoni trid tiġi interpretata fil-kuntest tal-proċeduri penali fl-intier tagħhom. In fatti, il-Qorti Ewropeja osservat illi :

> 50. The Court reiterates that, even if the primary purpose of Article 6, as far as criminal proceedings are concerned, is to ensure a fair trial by a "tribunal" competent to determine "any criminal charge", it does not follow that the Article has no application to pre-trial proceedings. Thus, Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (Imbrioscia,

[6] Qorti Kostituzzjonali fil-11 t'April 2011
[7] Ara : *SAADI vs Italy*, App no 37201/06 (28 ta' Frar 2008)

cited above, § 36). As the Court has already held in its previous judgments, the right set out in paragraph 3 (c) of Article 6 of the Convention is one element, amongst others, of the concept of a fair trial in criminal proceedings contained in paragraph 1 (Imbrioscia, cited above, § 37, and Brennan, cited above, § 45).

51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial (Poitrimol v. France, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and Demebukov v. Bulgaria, no. 68020/01, § 50, 28 February 2008). Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused (Imbrioscia, cited above, § 38).

52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. However, this right has so far been considered capable of being subject to restrictions for good cause. The question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified and, if so, whether, in the light of the entirety of the proceedings, it has not deprived the accused of a fair hearing, for even a justified restriction is capable of doing so in certain circumstances (see John Murray, cited above, § 63; Brennan, cited above, § 45, and Magee, cited above, § 44).

53. These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.

54. In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96). At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused (see Jalloh v. Germany [GC], no. 54810/00, § 100, ECHR 2006-..., and Kolu v. **Turkey**, no. 35811/97, § 51, 2 August 2005). Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination (see, mutatis mutandis, Jalloh, cited above, § 101). In this connection, the Court also notes the recommendations of the CPT (paragraphs 39-40 above), in which the

committee repeatedly stated that the right of a detainee to have access to legal advice is a fundamental safeguard against ill-treatment. Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.

55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.

(b) Application of the above principles in the present case

56. In the present case, the applicant's right of access to a lawyer was restricted during his police custody, pursuant to section 31 of Law no. 3842, as he was accused of committing an offence falling within the jurisdiction of the State Security Courts. As a result, he did not have access to a lawyer when he made his statements to the police, the public prosecutor and the investigating judge respectively. Thus, no other justification was given for denying the applicant access to a lawyer than the fact that this was provided for on a systematic basis by the relevant

legal provisions. As such, this already falls short of the requirements of Article 6 in this respect, as set out at paragraph 52 above.

57. The Court further observes that the applicant had access to a lawyer following his detention on remand. During the ensuing criminal proceedings, he was also able to call witnesses on his behalf and had the possibility of challenging the prosecution's arguments. It is also noted that the applicant repeatedly denied the content of his statement to the police, both at the trial and on appeal. However, as is apparent from the case file, the investigation had in large part been completed before the applicant appeared before the investigating judge on 1 June 2001. Moreover, not only did the İzmir State Security Court not take a stance on the admissibility of the applicant's statements made in police custody before going on to examine the merits of the case, it also used the statement to the police as the main evidence on which to convict him, despite his denial of its accuracy (see paragraph 23 above). In this connection, the Court observes that in convicting the applicant, the İzmir State Security Court in fact used the evidence before it to confirm the applicant's statement to the police. This evidence included the expert's report dated 1 June 2001 and the statements of the other accused to the police and the public prosecutor. In this respect, however, the Court finds it striking that the expert's report mentioned in the judgment of the first-instance court was in favour of the applicant, as it stated that it could not be established whether the handwriting on the banner matched the applicant's (see paragraph 15 above). It is also significant that all the co-defendants, who had testified against the applicant in their statements to the police and the public prosecutor, retracted their statements at the trial and denied having participated in the demonstration.

58. Thus, in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer in that his statement to the police was used for his conviction. Neither the assistance provided subsequently by a lawyer nor the adversarial nature of the ensuing proceedings could

cure the defects which had occurred during police custody. However, it is not for the Court to speculate on the impact which the applicant's access to a lawyer during police custody would have had on the ensuing proceedings.

59. The Court further recalls that neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see Kwiatkowska v. Italy (dec.), no. 52868/99, 30 November 2000). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Sejdovic v. Italy [GC], no. 56581/00, § 86, ECHR 2006-...; Kolu, cited above, § 53, and Colozza v. Italy, 12 February 1985, § 28, Series A no. 89). Thus, in the present case, no reliance can be placed on the assertion in the form stating his rights that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see paragraph 14 above).

60. Finally, the Court notes that one of the specific elements of the instant case was the applicant's age. Having regard to a significant number of relevant international law materials concerning legal assistance to minors in police custody (see paragraphs 32-36 above), the Court stresses the fundamental importance of providing access to a lawyer where the person in custody is a minor.

61. Still, in the present case, as explained above, the restriction imposed on the right of access to a lawyer was systematic and applied to anyone held in police custody, regardless of his or her age, in connection with an offence falling under the jurisdiction of the state security courts.

62. In sum, even though the applicant had the opportunity to challenge the evidence against him at the trial and subsequently on appeal, the absence of a lawyer while he was in police custody irretrievably affected his defence rights.

Inoltre, il-problema prinċipali fil-każ Panovits kien li l-istqarrija tiegħu li ġiet kontestata immedjatament minn Panovits, ġiet ritenuta ammissibbli mill-Qorti Ċiprijota. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja, iddeċidiet is-segwenti :

> 75. Lastly, the Court considers that although the applicant had the benefit of adversarial proceedings in which he was represented by the lawyer of his choice, the nature of the detriment he suffered because of the breach of due process at the pre-trial stage of the proceedings was not remedied by the subsequent proceedings, in which his confession was treated as voluntary and was therefore held to be admissible as evidence.
>
> 76. In this connection the Court notes that despite the fact that the voluntariness of the applicant's statement taken shortly after his arrest was challenged and formed the subject of a separate trial within the main trial, and although it was not the sole evidence on which the applicant's conviction was based, it was nevertheless decisive for the prospects of the applicant's defence and constituted a significant element on which his conviction was based. It is indicative in this respect that the Supreme Court found that throughout the course of the first-instance proceedings the applicant had consistently tried to negate his initial statement, an approach which had a great impact on the court's assessment of his credibility.

Huwa evidenti li dan id-dritt irid jiġi meħud fid-dawl tal-proċeduri penali kollha meħuda fil-konfront ta' persuna. L-esponent ma jiskantax li dak li ġie deċiż f'dan il-każ Salduz kien vjolattiv tad-drittijiet fundamentali **fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' Yusuf Salduz : -**

(a) fid-dawl ta' dak li kien mixli bih,
(b) fid-dawl tal-kuntest politiku u terroristiku li nstab fih,
(c) fid-dawl tal-mod kif sar l-interrogatorju tiegħu,
(d) fid-dawl taċ-ċaħda tad-dritt tal-assistenza legali, meta dan id-dritt kien applikabbli,
(e) fid-dawl tal-fatt li kien hemm allegazzjonijiet serji t'abbuż mill-uffiċjali tal-pulizija,

(f) allegazzjonijiet ta' allegazzjoni ta' trattament ħażin minn naħa tal-pulizija,
(g) fid-dawl t'allegazzjonijiet li kien ġie imġiegħel jirrilaxxja l-istqarrija konfessorja.

Il-kliem użati mill-Grand Chamber f'dan il-każ għandu jiġi imwieżen sew u mgħarbel aktar u aktar. U l-istess jgodd għall-każ Panovits. Il-konsegwenzi t'applikazzjoni indiskriminata, maqtugħa mill-kuntest fattwali li fih ingħataw dawn is-sentenzi, jista jwassal biex il-bilanċ delikat eżistenti bejn il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fil-każ partikolari, u l-interess tas-soċjeta li tiġi protetta mill-kummissjoni ta' reati kriminali serji, jiġi preġudikat serjament.

Daqskemm għandu jkun hemm rispett lejn il-ħarsien tad-drittijiet individwali, hekk ukoll għandu jkun hemm ħarsien bir-reqqa u b'kuxjenza għad-drittijiet taċ-**<u>ċittadini onesti</u>** li ma jagħmlux minn ħajjithom missjoni ta' delinkwenza; ta' dawk li jridu **<u>bi dritt jgħixu fi stat ta' dritt</u>**, u mhux fi stat fejn min jistqarr reati serji, f'kuntest fejn meta jkun stqarr hekk kien jaf sewwasew x'kien qed jgħid u jagħmel, jirnexxielu jiffrankaha b'detriment għall-interess tas-soċjeta li tara ċ-ċertezza fl-applikazzjoni tad-dritt u fiċ-ċertezza tal-applikazzjoni tas-sanzjoni tal-Liġi fejn din tkun mistħoqqa.

Il-Qrati tal-Ġustizzja qegħdin hemm biex jipproteġu id-Dritt u ma jistgħux iħallu l-imgħawweġ jibqa għaddej minn fuq min jistħoqlu u jrid jgħix fid-dritt. Għaliex jekk min pależament jiddelinkwi u pależament jistqarr li jiddelinkwi, ma jiġix ritenut responsabbli ta' għemilu minn dawn il-Qrati, xi protezzjoni jifdallu ċ-ċittadin Malti onest u osservanti tad-dritt kontra dawk li għall-interessi individwalistiċi tagħhom jagħżlu li jagħmlu minn ħajjithom missjoni ta' delinkwenza u kriminalita?

Id-dritt ta' smiegħ xieraq f'kull każ individwali huwa importanti u sagrosant. Pero daqstant huwa importanti li dan id-dritt ma jiġix interpretat b'mod laxk u radikali u liberali żżejjed għaliex altrimenti l-prezz li din is-soċjeta' jkollha tħallas ikun għoli u qares: għaliex meta ċittadin jara li persuna li tiddelinkwi u tistqarr ħtijietha ma tħallasx għal egħmilha delinkwenti, dan iċ-ċittadin onest jibda jitlef il-fiduċja tiegħu fis-saltna tad-dritt u jibda jara li

"crime pays". Dawn huwa prospett ikrah ħafna għall-ġid tal-komunita u ċ-ċittadinanza onesta u ħielsa.

Hawnhekk dak li qed jiġi mhedded huwa s-saltna tad-dritt li qed jiġi ssagrifikat fuq l-altar tal-kollettivita' ad omaġġ tal-ispirtu liberali-individwalistiku li ma jqisx fil-fond l-impatt fit-tul ta' tali miżuri. Il-protezzjoni tad-drittijiet individwali huwa meħtieġ u indispensabbli iżda għandu jkun limitat jew f'ċerti każijiet imrażżan jekk l-ħtieġa tal-**ġid komuni** tkun teħtieġ dan għall-ġid tal-komunita' kollha. U għandhom ikunu dawn il-Qrati wkoll li jħarsu dan il-ġid komuni.

Jekk tali bilanċ jintilef, ma hemmx għalfejn is-soċjeta tiskanta jew teħodha bi kbira li jkun hemm reati serji bħal dawn li jibqgħu impuniti. U l-anqas ikollha għalfejn tiskanta jekk fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin minflok in-nies jirriformaw ruħhom jispiċċaw joħorġu minn hemm fi stat agħar minn dak li jkunu daħlu fih.

Bid-dovut rispett fin-nuqqas taċ-ċirkostanzi partikolarissimi tal-każ ta' Yusuf Salduz jew Andreas Kyriakou Panovits, jista wieħed jgħid serenament li fil-każ in eżami hemm l-istess estremi sabiex il-prinċipji imsemmija f'dawn il-każijiet japplikaw ukoll bl-istess mod identiku u indiskriminat fil-każ ta' Trevor Ciangura meta l-fatti u ċ-ċirkostanzi kienu għal kollox differenti?

Fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja mogħtija fil-31 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet « *Plonka vs. Poland* » ġie ritenut illi:

> The Court reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless Article 6 (3) (c) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their

> judicial system, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused.

Fil-każ preżenti allura, l-Pulizija Maltija, anke fi żmien qabel ma daħal fis-seħħ id-dritt tal-assistenza u konsulenza legali tat it-twissija direttament, personalment u verbalment lill-imputat li għandu d-dritt li ma jgħid xejn – (ergo imwissi bid-dritt tas-silenzju assolut) u ġie imwissi wkoll li fil-każ li jagħżel li jitkellem, dak li jgħid ikun jista jinġieb bi prova (u għalhekk il-konsegwenza li jista jinkrimina ruħu). Ifisser għalhekk per forza li jekk il-persuna mistħarġa xorta tagħżel wara tali twissija li titkellem, ikun hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li dik il-konfessjoni tiegħu (dment dejjem li tkun ingħatat liberament u volontarjament wara tali twissija) tkun vizjata b'difett proċedurali u sostantiv? Wara li jkun ingħata dawn it-twissijiet – jista xorta waħda jiġi trankwillament argumentat li l-imputat kien **inkonsapevolment** waqqa' l-ġebla fuq saqajh??

Fl-umli fehma tal-esponent, ċerti prinċipji legali li m'humiex assoluti, mogħtija minn liema Qorti jkunu mogħtija, **ma jistgħux u ma għandhomx** jiġu applikati bl-istess mod u f'kull każ indiskriminatament, indipendentement mill-kuntest tal-każ, mill-isfond tal-fatti tal-każ u miċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ. Il-Ġustizzja trid issir b'riferenza għal fattispecie partikolari u tapplika d-dritt għal dawk il-fattispecie partikolari – u l-Ġustizzja trid issir filwaqt li tidher li qed issir. Altrimenti ma jkunx qiegħed isir eżerċizzju t'amministrazzjoni ta' Ġustizzja - li jieħu kont kemm tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata kif ukoll tas-soċjeta Maltija li għandha interess li tara li reati kriminali (anke meta ammessi u konfessi skond il-Liġi) - jiġu mrażna.

Minflok, ikun qed isir eżerċizzju li jmur dijametrikament kontra dak imsemmi mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tiegħu hawn fuq ċitata in re Plonka – għaliex 'it must be remembered that the Convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused'.

Id-dritt tal-assistenza legali huwa importanti. Pero ma jfissirx li huwa assolut. Ma jfissirx li jekk ma jkunx ingħata (u l-anqas mitlub) allura kwalunkwe konfessjoni, fi kwalunkwe kuntest, tkun ivvizjata għaliex meħuda bi ksur tad-drittijiet fundamentali. Dan l-argument huwa wieħed assolutista, li jista jwassal għal eżerċizzju alkwantu demagoġiku u ideoloġiku li huwa aktar teoriku aktar milli prattiku u effettiv.

Fil-każ in disamina, il-Qorti tal-Maġistrati waslet biex tagħti s-sentenza finali u liberatorja, wara li skartat kompletament l-istqarrija tal-imputat appellat mingħajr ma qieset kont **<u>taċ-ċirkostanzi kollha</u>** li fihom din il-konfessjoni ġiet rilaxxjata. Applikat il-prinċipji legali li ħarġu mill-każijiet Maltin (eż. Privitera u oħrajn) u tal-Qorti Ewropeja (eż. Salduz, Panovits, u oħrajn), f'kuntest ta' ċirkostanzi kompletament differenti. Minflok rat u indagat it-totalita tal-proċeduri li waslu għal dik il-konfessjoni, u l-mod ta' kif sar l-interrogatorju u l-mod ta' kif dik l-istqarrija ġiet mogħtija, u l-forma mentis speċifiku tal-imputat appellat, straħet biss fuq il-punt waħdieni – ċioe n-nuqqas ta' konsulenza u assistenza legali bħala l-bażi għall-iskartar komplet tal-konfessjoni.

L-esponent jistaqsi – f'każ li dik il-konfessjoni saret ma persuna jew persuni oħrajn (f'kuntest li meta għamlet tali konfessjoni l-imputat ma kienx assistit minn avukat) – kien iwassal ukoll għall-inammissibbilita tal-prova tal-persuna li tkun saret il-konfessjoni libera magħha dwar il-kommissjoni tar-reati de quo?? Dan ikun verament paradoss għaliex meta persuna ma tkunx imwissija fuq il-konsegwenza tal-konfessjoni tiegħu mat-terz (mingħajr ma l-konfessant ikun ottjena parir legali) dan it-terz ikun jista validament jinġieb bi prova kontra l-konfessant, mentri fil-każ li l-konfessant jiġi mwissi mill-uffiċjal tal-pulizija dwar il-konsegwenza tal-fatt li jekk jitkellem dak li jkun ser jgħid jista jinġieb bi prova kontra tiegħu,

qabel ma l-konfessant jagħmel il-konfessjoni, dan il-kuntest iwassal għall-inammissibilita ta' dak konfessat f'każ li ma jkunx hemm l-assistenza legali preċedenti jew konkomitanti l-konfessjoni. Bir-rispett kollu dan huwa kontro-sens.

L-interpretazzjoni li qed tingħata minn dawn il-Qrati li tali konfessjonijiet għalkemm mhux sfilzati mill-atti pero jiġu xorta waħda skartati għaliex preżunti vjolattivi tad-drittijiet tal-bniedem għal smiegħ xieraq, ixxejjen il-prinċipju fundamentali proċedurali Malti misjub fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali – artikolu li jiffoka fuq l-importanza tal-konfessjoni u fuq il-qofol ta' dak li jsawwar il-konfessjoni – u li fuqha tali konfessjoni tkun tistrieh u ċioe t-test ċentenarju tal-volontarjeta, tal-espressjoni tar-rieda ħielsa tal-individwu u ċjoe « *kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi* ». Dan huwa l-għerf tal-Liġi proċedurali Maltija li qatt ma kien mibdul s'issa sa' mill-10 ta' Ġunju 1854 lil hawn.

Fl-umli fehma tal-esponent l-effett legali ta' dan l-artikolu, magħqud mal-fatt li l-imputat appellat kien ġiet espliċitament imwissi bil-konsegwenzi fil-każ li jitkellem mal-pulizija (anke jekk huwa jkun tkellem mingħajr il-preżenza tal-avukat tiegħu), u minkejja tali twissija huwa liberament għażel li jkompli titkellem mal-Pulizija u saħansitra stqarr li fil-verbal matul l-ewwel udjenza li kien qed jeżenta lil Prosekuzzjoni mill-obbligu li tipproduċi l-prova tal-volontarjeta tal-istqarrija, iwassal sabiex tali prova għandha tiġi ritenuta bħala prova legalment valida, produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal fini tal-kumplament tal-proċeduri legali li jsegwu minn hemmhekk flimkien ma provi oħrajn li tresqu f'dan il-każ.

Dawn il-prinċipji flimkien, meta ġew imħadma sewwa u b'diliġenza mill-uffiċjali investigattivi f'dan il-każ, għandhom ixejnu l-biża li l-imputat appellat setgħa kien f'posizzjoni vulnerabbli, u setgħa b'xi mod jinkrimina lilu nnifisu mingħajr ma kien jaf bil-konsegwenzi fil-każ li jagħżel li jitkellem. Kif jgħid tajjeb l-Ingliż, « *pre-warned, pre-armed* ». U hekk ġara f'dan il-każ. L-imputat appellat kien ġie « *pre-warned* » mill-uffiċjal investigattiv. Huwa għażel li jikkollabora u jgħin lill-Pulizija minkejja dan. U għalhekk ukoll għażel liberament u volontarjament li jikkonfessa l-involviment tiegħu f'dan ir-reat, konsapevoli mhux biss li kellu d-dritt tas-silenzju, iżda wkoll li kull kelma li kien ser jgħid

kien ser jinġieb bi prova. U xorta għażel li titkellem. Dik kienet l-għażla libera tal-imputat f'dak l-istadju. Eżerċizzju ta' dritt bażiku u fundamentali ieħor ta' din il-persuna – id-dritt tal-liberta tal-espressjoni – liberta li persuna tiddikjara dak li tħoss li għandha tiddikjara anke quddiem l-uffiċjali tal-Pulizija, jekk ħassitha li għandha tagħmel hekk. Dak hu id-dritt li huwa ried jeżerċita ; dak huwa d-dritt li eżerċitat minkejja t-twissijiet li ingħata. U issa pero ma jistax ikun li għax għamel dan u issa kellu ripensament, il-prosekuzzjoni tiġi ppenalizzata fejn il-prosekuzzjoni ma kkommettiet ebda nuqqas – la proċedurali u l-anqas sostantiv.

Fl-umli fehma tal-esponent kien għalhekk ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tevalwa sewwa sew iċ-ċirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-każ u l-isfond kollu li fih ingħatat din il-konfessjoni tal-imputat appellat. Illi b'kull dovut rispett il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tiddeċiedi l-piż tal-prova stabbilita bl-istqarrija tenut kont ukoll tad-decide fis-sentenza kostituzzjonali in re Privitera li speċifikament talbet il-prosegwiment tal-kawża skond il-Liġi u li l-validita' u l-ammissibilta' tal-istqarrija tiġi meqjusa mill-Qorti penali f'dak id-dawl. Meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skartat l-istqarrija minħabba l-leżjoni, effettivament hi marret kontra s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tanalizza jekk il-prova konfessorja fl-istqarrija (tenut kont tal-mod kif saret u l-isfond kollu li ġie spjegat aktar il-fuq) setgħetx twassal għas-sejbien ta' ħtija o meno tal-imputat filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni l-allegata leżjoni fid-drittijiet tiegħu (jekk kien hemm) li setgħet b'xi mod ivviżjat dak li l-imputat appellat stqarr hemmhekk. Kwindi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta' kellu l-fatt li l-imputat appellat irrilaxxa l-istqarrija mingħajr ma kien assistit minn avukat u kif dan il-fatt seta' jinfluwixxi fuq il-**volontarjeta'** tal-istqarrija tal-istess imputat appellat.

Illi billi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skartat l-istqarrija minħabba l-allegata leżjoni, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija miġjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li għażlet li tirritjeni dan id-dokument bħala parti mill-provi fil-każ innifsu konsiderando wkoll li din

l-istqarrija kien finalment ittieħdet skond il-liġi[8] in vigore dak iż-żmien u li permezz ta ġurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bħala l-prova reġina.[9]

Iżda apparti minn hekk hemm provi oħrajn oġġettivi li juru li fil-fatt l-attivitajiet tal-imputat appellat ma kienux biss ristretti għall-pussess sempliċi u għall-użu personali tal-istupefaċenti misjuba għandu, iżda wkoll li l-istess kienu qegħdin jiġu wkoll traffikati. Dan jirriżulta mill-parafernalja misjuba fil-pussess tal-imputat, inkluż dettalji sinjifikanti rigward il-persuni li lilhom kien beda jbiegħilhom id-droga. Din l-evidenza ċirkostanzjali hija determinanti turi li l-imputat appellat verament kien jittraffika fid-droga.

Bir-rispett kollu l-fatt li l-imputat appellat jistqarr li huwa traffikant tad-droga u din l-istqarrija tiġi kompletament skartata huwa fatt xokkanti. Din l-istqarrija kellha tiġi mittieħeda in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaliex dawn il-fatti huma ħafna differenti minn dawk il-każijiet Maltin u dwar deċiżi mill-Qorti Ewropeja fejn instab leżjoni tal-artikolu 6 (3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Fil-verita jispetta lil kull Qorti li tinterpreta korrettement dak li l-Qorti Ewropeja tkun iddeċidiet fil-fattispeċje partikolari ta' kull każ. Dan mhux każ ta' « one size fits all », iżda huwa każ fejn il-prinċipji importantissimi stabbili minn dawn il-Qrati awtorevoli jiġi applikati korrettement minn każ għal każ.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent itenni li skond dak dispost mill-artikolu 349(2) tal-Kodiċi Kriminali (li jaqa taħt it-titolu dwar is-setgħat u d-dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-proċedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenza legali) jingħad li :

[8] Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

[9] *Pulizija vs Richard Borg*, Qorti tal-Appell Kriminali, 18 ta' Settembru 2002, : 'Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu.(Art. 658 Kap.9)'

> 349.(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilu fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.
>
> *(2)* L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.[10]

Dato ma non concesso li l-imputat appellat ma ngħatx l-opportunita li jikkonsulta ma Avukat u (minkejja t-twissija mogħtija lilu mill-Pulizija, il-kuntest etc) minħabba f'hekk qegħed lilu nnifisu f'posizzjoni preġudikanti li setgħet tinkriminah u li kwindi wasslet ukoll għall-possibbli leżjoni tad-drittijiet tiegħu, tali ommissjoni ta' formalità jew ħtieġa, ma kienetx *per se* u *in se* ostakolu għall-ammissibbilità tal-provi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk ma setgħetx ma tapprezzax din il-prova u sempliċiment tiskartaha minħabba n-nuqqas tal-preżenza tal-Avukat fil-*pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kien rikjesta mill-liġi ta' dak iż-żmien li din issir *ad obligatem*. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli tħares xi waħda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli għan-nuqqasijiet da parti tiegħu iżda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas tagħhom il-prova li tkun inġabret fiha nnifisha tispiċċa fix-xejn.

Illi kien għalhekk li l-ewwel Qorti kellu tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piż jew pern tiegħu fid-dawl tal-leżjoni kif iddikjarata fis-sentenza Kostituzzjonali. Meta sempliċiment skarat il-prova tal-istqarrija a bażi tal-leżjoni iddikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali, mingħajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut tiegħu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma segwitx dak li ħareġ mis-sentenza in re Privitera, u spiċċat biex provdiet għal rimedju minħabba l-allegat ksur ta' drittijiet tal-bniedem meta ma kienx legalment obbligata li tagħmel dan.

[10] Enfażi tal-esponent.

Meta sempliċiment skarat il-prova tal-istqarrija a bażi tal-leżjoni iddikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali in re Privitera, mingħajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut tagħha kif ukoll il-provi orali u ċirkostanzjali li kien hemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet il-kontra ta' dak li tisħaqq id-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata. Fil-każ Privitera kieku l-Qorti Kostituzzjonali riedet tannulla jew tisfilza l-istqarrija bħala rimedju, kien tagħmel dan kategorikament u mhux tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-prosegwiment u *kontinwazzjoni* tal-każ de quo. Dan juri li ma kienx il-kompitu tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tagħti rimedju minflok il-Qorti Kostituzzjonali. Dan ukoll peress li l-Qorti Kostituzzjonali tista tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali mingħajr ma tirrimedjaħ (*just satisfaction*).

Din iċ-ċirkostanza fil-fatt irriżultat fil-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet *Pulizija vs Noel Arrigo et* fejn dik l-Onorabbli Qorti ddeċidiet li kien hemm leżjoni iżda ma tat l-ebda rimedju effettiv apparti li 'titqiegħed kopja ta' dan il-ġudikat fl-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet « Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. et » illi fih ir-referenza kostituzzjonali odjerna'.[11] Effettivament allavolja ġiet iddikjarata din il-leżjoni, il-każ kontra l-akkużati Arrigo u Vella kompla skond il-liġi penali u sa fl-aħħar ġew misjuba ħatja u ġġudikati mill-Qrati Kriminali u konfermati f'istadju ta' appell fil-każ ta' Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali li tipprovdi rimedju flok il-Qorti Kostituzzjonali għas-sentenza ta' leżjoni mogħtija mill-istess. Il-leżjoni ġiet rikonoxxuta u l-proċeduri tkomplew skond il-liġi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset li tqis il-provi kollha miġjuba quddiemha kif kien pretiża li tagħmel skond il-liġi, u liema nuqqas wassal għall-liberatorja inġustifikata tal-appellata li finalment kien ammettiet għall-pussess u l-għoti tad-droga herojina di *sua sponte*. Din l-ammissjoni tibqa li hi u għandha tiġi meqjusa bħala tali. In-nuqqas t'apprezzament tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-konklużjonijiet għas-sentenza liberatorja tiegħu indubjament ma jirrappreżentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiġġustifikawx il-konklużjonijiet tas-sentenza appellata anke fid-dawl tas-sentenza Kostituzzjonali in re Privitera et al.

[11] Qorti Kostituzzjonali (Onor Imħallef Anton Depasquale, Onor Imħallef Albert J. Magri u l-Onor Imħallef Geoffrey Valenzia) 29 t'Ottubru 2003.

**2. L-imputazzjoni tat-traffikar**

Fid-dawl tas-suespost, l-esponent itenni li l-imputazzjoni tat-traffikar tad-droga herojina għandha tiġi ritenuta pruvata skont il-Liġi. Iżda jekk l-istess Qorti tħoss li tali argument għandu jiġi skartat, l-esponent itenni li bis-saħħa tal-provi prodotti xorta waħda jirriżulta raffigurabbli, (anke jekk l-istqarrija tal-imputat appellat tiġi kompletament skarata) ir-reat ta' pussess illegali u kwalifikat tad-droga herojina.

L-esponent umilment itenni li huwa minnu li r-reat ta' traffikar illegali tad-droga u r-reat ta' pussess illegali u kwalifikat ta' droga huma regolati b'liġijiet differenti. Iżda dan ma jfissirx awtomatikament li għandhom in-natura ġuridika tagħhom separata u distinta wkoll. Is-sentenza imsemmija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) « Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarra » fil-fatt tipotizza sitwazzjoni kuntrarja għal dik in disamina. Fil-każ preżenti dak li l-prosekuzzjoni qed ittenni huwa li r-reat ta' pussess kwalifikat jista jiġi ritenut li huwa fin-natura tiegħu inseparabbli mir-reat tat-traffikar illegali tad-droga.

In-natura ġuridika tar-reat ta' pussess illegali kwalifikat u l-pussess illegali iżda sempliċi ta' drogi għal użu esklussiv mhix identika – hemm differenzi bejniethom kemm fil-mens rea kif ukoll fl-actus reus. L-intenzjoni wara dawn iż-żewġt reati hija differenti. L-intenzjoni ta' min jippossjedi illegalment droga għal użu personali hija tali li bl-użu ta' dik id-droga il-persuna tkun sejra tinqeda hija personali u serraħ il-vizju tagħha biss.

Mhux hekk neċessarjament fil-każ ta' meta persuna tkun tippossjedi illegalment id-droga li ma tkunx intiża għall-użu personali tagħha. F'dak il-każ, id-droga tkun intiża sabiex tiġi mgħoddija, b'kull mod li tkun, lil ħaddieħor u mhux li tkun użata għalbiex jiġi sodisfatt il-vizju tal-pussessur.

L-intenzjoni ta′ min jippossjedi illegalment droga f′kuntest li mhux għall-użu esklussiv tiegħu hija li dik id-droga jgħaddiha lil ħaddieħor u mhux li jikkonsmaha hu stess. Għalhekk l-intenzjoni li tiġi traffikata dik id-droga tispikka fl-ipoteżi tar-reat ta′ pussess mhux għall-użu esklussiv ta′ dak li jkun. Din l-intenzjoni hija affini ferm għal dik ta′ persuna li effettivament tgħaddi d-droga lil persuna oħra.

In definittiva, biex persuna titraffika d-droga trid bilfors tkun fil-pussess materjali jew kostruttiv ta′ droga li ma tkunx intiża għall-użu esklussiv tagħha (almenu żgur kwantu għal dik id-doża tad-droga li tkun ser tiġi mgħoddija lil ħaddieħor).

Fl-umli fehma tal-esponent, għalhekk huwa ġuridikament possibbli li jiġi ritenut li jekk f′każ partikolari l-prosekuzzjoni tkun xliet persuna bir-reat ta′ traffikar illegali ta′ droga u mill-provi prodotti il-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat ir-reat ta′ traffikar illegali tad-droga skond kif imfisser fil-Liġi (minħabba fin-nuqqas ta′ *traditio* eċċ), iżda mill-provi xorta waħda jirriżulta li min kien mixli kien fil-pussess ta′ droga f′ċirkostanzi li jkunu juru li dik id-droga ma kienetx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat, allura anke jekk dan ir-reat ma jkunx ipotizzat fl-imputazzjonijiet kif miġjuba mill-Pulizija, ġjaladarba ir-reat ta′ traffikar ta′ droga jippresupponi l-pussess kwalifikat ta′ droga (għaliex altrimenti ma jistax ikun hemm it-traffikar), il-Qorti tista ssib ħtija tar-reat ta′ pussess illegali ta′ droga f′ċirkostanzi li juru li dik id-droga ma kienetx għall-użu esklussiv tal-possessur f′kuntest fejn dan ir-reat ma jkunx ukoll ġie inkluż fl-imputazzjonijiet oriġinalment.

**3. Il-piena inflitta kienet imtaffija wisq**

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta′ dan il-każ, u l-ammissjoni tal-imputat għal reati konnessi ma pussess illegali ta′ drogi differenti, fl-umli fehma tal-esponent, il-piena inflitta kienet miti wisq.

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat:

Il-fatti jidher illi huma ammessi bejn il-partijiet. Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tal-elfejn u tmienja (2008) l-Ispettur Victor Aquilina kien inghata struzzjonijiet biex jaghmel osservazzjoni fuq l-imputat appellat. L-istess appellat kien gie mwaqqaf mill-pulizija u wara tfittxija illi saret fuqu u fuq il-vettura nstab illi kien fil-pussess ta' madwar tlieta punt hamsa grammi (3.5grs) reza tal-kannabis u minn garaxx illi kien jinstab fi Triq it-Torri l-Ahmar, ir-Rabat, Malta nstabu wkoll zewg grammi (2 grs) droga eroina, mizien elettroniku kif ukoll kantuniera tal-plastic b'sustanza eroina. Wara li l-imputat kien ittiehed id-depot tal-pulizija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tal-elfejn u sebgha (2007) irrilaxxa stqarrija wara li kien inghata s-solita twissija skond l-uzanza ta' dak iz-zmien. Jinghad illi huwa ma nghatax ukoll id-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiducja tieghu peress illi dan id-dritt ma kienx ghadu rikonoxxut fil-ligi taghna. Matul il-kors ta' din l-istqarrija l-appellat ammetta mhux biss li s-sustanzi misjuba ghandu kienu tieghu izda ukoll illi biegh id-droga eroina ghal perjodu ta' madwar hmistax-il jum qabel. Anzi ammetta ukoll illi fuq id-djarju li jinsab ghandu kien hemm ukoll faccata bid-data tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u sebgha (2007) fejn kien hemm ismijiet ta' persuni li kellhom ituh il-flus tad-droga illi kien bieghlhom.

Bil-verbal tas-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) (fol 7) l-appellat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi intestati B, C, D, E, u F, izda ikkontesta l-ewwel akkuza ta' traffikar ta' droga eroina.

B'sentenza datata sbatax (17) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) (fol 21), wara li l-Qorti iddikjarat illi kellha tiskarta l-istqarrija tal-appellat, illiberatu mill-ewwel imputazzjoni izda sabitu hati tal-kumplament u illiberatu b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn minn dakinhar.

L-Avukat Ġenerali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-provi kif ukoll interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi u erogat piena imtaffa wisq tenut kont il-gravità tar-reat.

Ikkunsidrat:

Minn qari akkurat tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali jidher car illi l-appell huwa bazat principalment fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti illi tiskarta l-istqarrija tal-appellat meta ikkonkludiet "izda jekk l-unika prova li ghandha l-Prosekuzzjoni huwa dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu minghajr ma huwa kellu l-opportunità illi jikkonsulta ruhu ma' avukat u ghalhekk ihejji d-difiza tieghu billi ma jinkriminax ruhu fi stadju fejn huwa prezunt li ghadu innocenti, allura iva, dik il-konfessjoni migjuba bhala prova unika quddiem il-Qorti tal-gustizzja kontra l-imputat hija leziva d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata."

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma ticcensurax lill-ewwel Qorti talli waslet ghal dik il-konkluzjoni peress illi dik kienet l-pozizzjoni legali vigenti dakinhar illi nghatat is-sentenza fis-sbatax (17) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) u l-ewwel Qorti gustament ikkwotat in sostenn il-kawza "Il-Pulizija versus Alvin Privitera" u ohrajn. Però sussegwentement ghad-decizjoni tal-ewwel Qorti u wkoll ghall-prezentata tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, l-Qorti Kostituzzjonali ippronuncjat ruhha differenti milli kif ippronuncjat fil-kawza kontra Alvin Privitera u biddlet ghal kollox l-argument tal-ewwel Qorti. Fil-fatt fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali, Sede Appell, fit-tmienja (8) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) "Charles Stephen Muscat versus l-Avukat Ġenerali" ntqal, "... ma hemm ebda jekk illi kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi irregolarità, tkun xi tkun, minn fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenza ta' ghemilu. Il-jedd ghal

smigh xiereq jinghata kemm biex, wara process fi zmien ragjonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghalhekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal-htija. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew iehor, ma jwegibx ghal htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet.

Ghalhekk li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu li l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu mela ma hemmx ksur."

L-istess jinghad fil-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali fil-kawza "John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deciza fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) fejn wara li ghamel riferenza ghall-kawza fuq imsemmija qalet, "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq."

Din il-Qorti kif preseduta kellha okkazjoni tapplika dawn iz-zewg sentenzi fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Cutajar", Appell Inferjuri Ghawdex fit-tmintax (18) ta' Ġunju tal-elfejn u tlettax (2013) fejn qalet "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija ricentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Ġenerali u Ġanni Attard versus Avukat Ġenerali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghal nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex ikkorroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat bil-fatt li kien qed jigi interrogat mill-pulizija."

Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-appellat setax jitqies bhala persuna vulnerabbli u allura n-nuqqas ta' assistenza legali jwassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu li jinstab hati meta ma kellux hekk jinstab.

Ikkunsidrat:

Meta l-appellat irrilaxxa l-istqarrija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tal-elfejn u sebgha (2007) kellu ghoxrin (20) sena. Però kellu digà esperjenza mal-pulizija. L-ispettur iddikjara illi huwa wissa lill-appellat bid-drittijiet tieghu u jidher mill-istess risposti tal-appellat illi huwa fehem dan id-dritt ghaliex ghazel illi jwiegeb ghal certa domandi izda ghal ohrajn ma wegibhomx u kien selettiv bit-twegibiet tieghu. Dan ifisser kwindi, illi ma kienx intimidat bil-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija, kien jaf ghalxiex kien qieghed jigi interrogat, kien jaf illi kellu d-dritt ghas-silenzju, kien jaf ukoll illi dan id-dritt seta' jezercitah izda ghazel illi jezercita dan id-dritt ghal certa domandi u ghal ohrajn ghazel illi ma jezercitahx. Ghalhekk l-appellat ma kellux jitqies bhala persuna vulnerabbli. Kien jaf sew x'kien qieghed jghid u ghalhekk in-nuqqas ta' assistenza legali ma illediex id-dritt ghal smigh xieraq tal-appellat u ma hemmx il-periklu illi jinstab hati meta ma kellux hekk jinstab. Kwindi din il-Qorti jidhrilha illi l-istqarrija ghandha tigi ikkunsidrata bhala prova flimkien mal-assjem tal-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza ta' traffikar l-appellat ammetta fl-istqarrija tieghu illi huwa gieli ittraffika l-eroina. Mistqosi kif jaghmel biex ibiegh l-appellat wiegeb "kont niltaqa' man-nies jghiduli li ghandhom bzonn u nghidilhom li ghandi. Ġieli kienu jcempluli fuq il-mobile." B'referenza ghal xi ismijiet u numri illi kellu fuq id-diary bid-data 18 ta' Awwisu 2007, l-appellat wiegeb "uhud minnhom huma nies illi ghandhom ituni l-flus wara illi nkun bieghtilhom l-eroina." Hawnhekk l-appellat qieghed jaghti spjegazzjoni ghal ismijiet u numri illi nstabu fuq diary fil-pussess volut tieghu illi dwaru l-pulizija kienu qeghdin isaqsu domandi lill-appellat. Ir-risposta tal-appellat tinkwadra bi shih bil-prova

tad-diary u ghalhekk id-dikjarazzjoni tieghu hija korroborata mill-istess dokument. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni illi ghandha tiddubita minn din id-dikjarazzjoni tal-appellat, aktar u aktar meta hija ikkorroborata ukoll b'sejbiet ohra maghmula mill-pulizija u cioé mizien u qratas ohra tal-kannabis misjuba fil-pussess tal-appellat.

Din il-Qorti jidhrilha illi tenut kont dawn ic-cirkostanzi l-appellat ghandu jinstab hati tal-ewwel akkuza flimkien mal-akkuzi l-ohra B, C, D u E illi taghhom ammetta permezz tal-verbal tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012).

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, fil-mori ta' dan l-appell il-Qorti innominat lill-Probation Officer Saviour Lia sabiex jipprepara u jipprezenta social enquiry report, liema rapport gie ipprezentat u mahluf fil-hamsa (5) ta' Ġunju tal-elfejn u erbatax (2014). F'dan ir-rapport l-ufficcjal tal-probation ghamel stima tajba hafna ghall-progress illi qed juri l-appellat u d-determinazzjoni li jbiddel hajtu. Irrealizza wahdu illi l-hajja li kien ghaddej biha bl-abbuz tad-droga kienet qed taffettwa hazin kemm lilu kif ukoll membri tal-familja tieghu u minghajr ma fittex ghajnuna ha d-decizjoni li jwaqqaf l-abbuz tad-droga. Matul il-kumpilazzjoni tar-rapport, l-appellat wera koperazzjoni u issottometta ruhu ghal tlett testijiet tal-urina li irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti tal-kannabis, eroina u kokaina. Ma hemmx dubbju, illi l-Qorti tiehu gost tisma' rapporti bhal dawn u perswaz illi l-appellat ser igawdi minn din il-hajja stabbli illi jidher illi qabad. Però l-ligi fejn si tratta ta' traffikar ma thalli l-beda diskrezzjoni f'idejn il-gudikant u l-impozizzjoni ta' terminu ta' prigunerija effettiv huwa mandatarju. Izda din il-Qorti thoss illi stante l-fiducja illi l-appellat wera u l-progress illi qieghed jaghmel ghandha tapplika din il-piena fil-minimu taghha u ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet htija fl-akkuzi intestati B, C, D, u E u tirriformaha fejn ma sabitx htija tal-ewwel akkuza u minflok wara li rat ir-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern ta' Drogi Perikoluzi kif emendati fl-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-appellat hati tal-ewwel akkuza u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija effettiva ghal zmien sitt xhur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------